# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 509/2018/LSO**

**Stanislav Silin (646216L) u Angelina Silina (444717L) f'isimhom proprju u ghan-nom u in rappreżentanza ta' binthom minuri Melissa Silin u b' digriet tat-23 ta' Mejju 2018 l-istess Stanislav (646216L) u Angelina Silina (444717L) gew awtorizzati biex jidhru bhala kuraturi ad litem tal-minuti Melissa Silin**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors Guramentat ta' Stanislav Silin (646216L) u Angelina Silina (444717L) f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' binthom minuri Melissa Silin datat 22 ta' Mejju 2018 fejn bil-gurament taghhom ikkonfermaw:-

Illi r-rikorrenti zzewgu fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) (certifikat hawn anness u mmarkat Dok SS1) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) (certifikat anness u mmarkat Dok SS2);

Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom zewgt itfal ossia Vanessa Silina illi twieldet fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) kif ukoll Iil Melissa Silin illi twieldet fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) (certifikati hawn annessi u mmarkati Dok SS3 u SS4);

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Melissa mahrug mir-Registru Pubbliku bin-numru progressiv sitta wiehed tmienja tas-sena elfejn u tmintax (618/2018) (immarkat

bhala Dok SS4) kunjom il-minuri gie erronjament indikat bhala "Silin";

Illi missier il-minuri Melissa Silin huwa Stanislav Silin u huwa ghalhekk illi l-istess minuri Melissa Silin hadet il-kunjom "Silin";

Illi l-genituri ta' din il-wild huma ta' nazzjonalita Russa u huma stess ghandhom varjanti differenti tal-istess kunjom u dan *stante* li fis-sistema Russa kunjomijiet ta' persuni femminili huma miktubin bil-femminil u kunjomijiet ta' persuni maskili huma miktubin bil-maskil;

Illi ghalhekk kull wild femminili ghandu jkollu l-aggunta tal-ittra 'a' mal-kunjom tal-missier u f'dan il-kaz ghalhekk il-kunjom tal-minuri kellu jkun "Silina";

Illi hekk kif indikat mic-certifikati tat-twelid taz-zewgt ulied tar-rikorrent, mart Stanislav Silin, maz-zwieg, giet indikata bhala 'Angelina Silina nee Telegina', b'dana illi hadet kunjom zewgha izda peress illi l-kunjom ghandu jkun fil-femminili sar l-aggunt tal-ittra 'a' mal-kunjom 'Silin' (Dok SS3 u Dok SS4);

Illi fil-fatt omm ir-rikorrent Stanislav Silin, cioe` n-nanna paterna tal-minuri Melissa, iggib il-kunjom "Silina" u dan kif jirrizulta minn kopja tal-passaport taghha hawn annessa u mmarkata Dok SS5;

Illi inoltre, oht il-minuri Melissa Silin, ossia Vanessa Silina, iggib il-kunjom korrettament indikat bhala "Silina" (DokSSS);

Illi ghalhekk jehtieg li kunjom il-minuri Melissa jsir "Silina" sabiex jindika li hija persuna femminili;

Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Illi r-rikorrenti, ghan-nom ta' binthom minuri ghandhom interess skont il-Ligi, *inter alia ai termini* tal-Artiklu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex kunjom il-minuri jigi indikat bhala "Silina" u b'hekk isiru d-debiti korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid u fl-atti kollha tal-istat civili taghha;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti ghan-nom ta' binthom minuri umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti minuri huwa "Melissa Silina" u mhux "Melissa Silin" u dan *ai termini* tal-Artiklu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri li jgib in-numru progressiv sitta wiehed tmienja tas-sena elfejn u tmintax (618/2018) u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegenti sabiex isem il-

minuri jigi indikat u jkun maghruf bhala "Melissa Silina" kull fejn ikun mehtieg

3. Taghti kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportuni fic-cirkostanzi partikolarissimi tal-kaz;

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat li minn issa hu ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Lulju 2018.

Rat ir-rikors tal-atturi datata 22 ta' Mejju 2018 a fol 17 tal-process fejn talbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tinnominahom u tawtorizzahom sabiex jidhru bhala kuraturi *ad litem* tal-minuri Melissa Silin u jiddevjenu ghan-nom tal-imsemmija minuri f'dawn il-proceduri, u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti, u dan taht il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa; u l-Qorti laqghet it-talba kif jidher bid-digriet moghti fit-23 ta' Mejju 2018 (fol 18).

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 19 ta' Gunju 2018 (fol 20) fejn l-Avukat Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :

1. Illi l-esponenti tiddikjara illi fil-mertu hija mhijiex edotta mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat.

2. Illi tali azzjoni *si tratta* korrezzjoni fil-kunjom ta' minuri, wild ta' genituri ta' nazzjonalita' Russa. Ir-rikorrenti jsostnu illi skont l-uzanza Russa, kull wild femminili ghandha tassumi kunjom missierha li mal-istess ghandha tizdied l-ittra 'a'.

3. Illi ghat-talbiet kif dedotti, l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi d-Direttur konvenut ma ghandux jkun assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti tenut kont tal-fatt li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u li kienu proprju l-genituri tal-minuri li ddikjaraw tali informazzjoni fuq l-Att tat-Twelid tal-imsemmija minuri, u dan kif jidher mill-Att tat-Twelid tal-minuri anness mar-rikors guramentat u mmarkat Dok. SS4.

4. Illi *di piu'* f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti, ir-rikorrenti ghandhom ukoll jispecifikaw f' liema Atti tal-iStat Civili ghandha tigi riflessa din il-korrezzjoni.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigi ingunti in subizzjoni

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Christina Laudi ghar-rikorrenti u Dr Neil Harrison ghad-Direttur Intimat. Dr Harrison iddikjara li ma kellux aktar provi u li l-kawza tibqa' ghas-sentenza

fuq l-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2019 fid-9:30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-28 ta' Mejju 2018 (fol 23).

Ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi korrett l-att tat-twelid tal-minuri binthom billi l-kunjom tal-minuri jitnizzel bhala "Melissa Silina" u mhux "Melissa Silin".

**Stanislav Silin** xehed permezz ta' affidavit, qal li hu missier Mellissa, li zzewweg fl-Ambaxxata Russa f'Malta fl-4 ta' Dicembru 2009, u ghandhom zewgt itfal. Spjega li meta twieldet binthom Vanessa u mar jirregistraha r-Registru Pubbliku hu thalla jirregistra kunjomha Silina jispicca bl-"a" kif inhi l-prassi Russa, billi l-kunjom ta' mara jizdied mieghu l-"a" tal-*gender* fl-ahhar. Zied ighid li meta mar biex jirregistra l-isem ta' binthom Melissa ma thalliex jaghmel dan minhabba li qalulu li l-prattici rigidi, konsegwentement il-kunjom ta' bintu Melissa hu fil-maskil.

Qal li ma jixtiqux jibqghu f'sitwazzjoni fejn uliedhom m'ghandhomx kunjomhom l-istess, u jibza' li binthom Melissa tista' tigi pregudikata ghax ghandha kunjom maskili.

**Angela Silina** xehdet permezz ta' affidavit, qalet li hi omm Melissa, u hi u zewgha ghandhom zewg ulied, Vanessa li twieldet fil-5 ta' Dicembru 2011 u Melissa li twieldet fid-9 ta' Jannar 2018. Spjegat li hija l-kultura Russa li mal-kunjom ta' mara jizdied l-"a" tal-*gender* femminili. Semmiet li meta twieldet Vanessa ma kellhomx problema biex jirregistrawha bil-kunjom "Silina", izda meta twieldet Melissa, ir-Registru Pubbliku rrifjutaw li hija tigi registrata bl-istess kunjom "Silina". Hi spjegat li l-kunjom ta' zewgha huwa "Silin" filwaqt li kunjomha huwa "Silina".

**Svetlana Izmaylova** xehdet permezz ta' affidavit, qalet li hi habiba ta' Angelina Silina, u ilha taf lilha u lil zewgha Stanislav ghal dawn l-ahhar tliet snin. Spjegat li ghad-drawwa u l-kultura Russa, l-kunjomijiet "Silin" u "Silina" mhumiex kunjomijiet diversi izda jirrapprezentaw jekk hux kunjom maskili jew femminili.

**Svetlana Selina** xehdet permezz ta' affidavit u qalet li hi n-nanna ta' Melissa. Spjegat li fil-kultura Russa, l-mod kif japplikaw il-kunjom, hu billi fil-femminil tizdied l-"a" fl-ahhar.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Melissa tnizzel bil-kunjom "Silin", izda peress li l-wild hija tifla, permezz tal-uzanzi Russi, qed jigi rilevat li l-kunjom ghandu jkun "Silina".

Illi hawnhekk, *si tratta* ta' korrezzjoni ta' kunjom il-minuri. Ikkunsidrat li *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier. Fil-kaz odjern, it-tarbija hadet awtomatikament il-kunjom tal-missier "Silin". Madankollu, wara li kkonsidrat ix-xhieda moghtija, li mhijiex kontradetta, il-Qorti tifhem li l-kunjom tal-omm huwa "Silina" u l-aggunt 'a' huwa aggunt strettament marbut mas-sess femminili tat-tarbija.

Ikkonsidrat li din il-Qorti gja ttrattat punt simili fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores Francica et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku deciza fit-30 ta' Jannar 2014 (Rik.Gur** 1024/2013 /LSO) fejn laqghet it-talba.

Ikkunsidrat, inoltre, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Ghalhekk, ma ssib l-ebda diffikolta' biex tilqa' t-talba sabiex il-kunjom tal-minuri Melissa jkun "Silina" mhux "Silin", billi dan mhuwiex ser johloq l-ebda tibdil fil-kunjom innifsu imma semplicement iservi biex jiddeskrivi is-sess (femminili) tal-persuna. Ikkunsidrat ukoll, li fil-kaz odjern,

ma tara l-ebda pregudizzju ghall-interessi ta' terzi, billi l-korrezzjoni mitluba hija misthoqqa fl-interess tal-minuri.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat Direttur fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, u dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez, li ser jigu impost fuq ir-rikorrenti *stante* li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat.

Referibbilment ghal dak mitlub fit-tieni talba, rigward, kull att iehor relattiv, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattiva, ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri rigward dan.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem u kunjom tar-rikorrenti minuri huwa "Melissa Silina" mhux "Melissa Silin".

2. Tilqa' it-tieni talba limitatament ghall-att tat-twelid numru 618/2018, billi l-isem tal-minuri rikorrenti ghandu jkun indikat "Melissa Silina" u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Frar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar 2019**